MALTA

ATT Nru. VII ta' l-1987

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jirregola l-attivitajiet ta' Bejjiegħa Bieb b'Bieb.

ACT No. VII of 1987

AN ACT enacted by the Parliament of Malta

AN ACT to regulate the activities of Door-to-Door Salesmen.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

4 ta' Frar, 1987

ATT Nru. VII ta' l-1987

ATT biex jirregola l-attivitajiet ta' Bejjiegħa Bieb b'Bieb.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 dwar Bejjiegħa Bieb b'Bieb, u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Kummerċ jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"bejjiegħ bieb b'bieb" tfisser min joffri oġġetti għall-bejgħ ġewwa d-djar, sew jekk l-offerta ma tintalabx minn min tkun qegħda ssirlu l-offerta, sew jekk tintalab minn dan ta' l-aħħar bi tweġiba għal xi reklam, iżda ma tinkludix bejjiegħa ta' ikel u xorb li jbiegħu il-prodotti tagħhom bieb bieb;

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Kummerċ;

"fond kummerċjali" tfisser dak il-fond permanenti kummerċjali fejn neguzjant jeżerċita l-attività kummerċjali jew professjonali tiegħu kif ukoll tinkludi posti fil-fieri u fis-swieq;

"konsumatur" tfisser persuna li fi transazzjonijiet li jaqgħu taħt dan l-Att taġixxi b'mod li ma jkunx ta' xorta kummerċjali jew professjonali;

"jippreskrivi" tfisser preskritti b'regolamenti taħt dan l-Att;

"kuntratt magħmul fuq l-għadba tal-bieb" tfisser kuntratt bejn konsumatur u neguzjant li jsir permezz ta' bejjiegħ bieb b'bieb u tinkludi rabta unilaterali minn konsumatur ma' neguzjant, li għalih it-trattativi li jsiru qabel kienu inbdew f'lok iehor li ma jkunx fond kummerċjali;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Kummerċ.

Kif japplika dan l-Att.

3. Dan l-Att ma japplikax għal —

(a) kuntratti li jkunu ġew esklusivament negozjati b'inizjattiva tal-konsumatur:

Iżda jekk titqiegħed ordni għal katalogi, mudelli, kampjuni u oġġetti simili, jew jekk jintalab mill-konsumatur li ssir żjara jew dimostrazzjoni, jew jekk wieħed jieħu sehem f'xi attività li tkun organizzata minn neguzjant, dawn ma għandhomx jitqiesu li qegħdin jagħtu bidu għal trattativi;

(b) kuntratti li jkunu ġew unikament negozjati bil-miktub, li ma jkunux kuntratti magħmula fuq l-għadba tal-bieb;

(ċ) kuntratti li jsiru quddiem qorti, nutar jew persuna oħra li jkollha dmir li tinforma liż-żewġ partijiet fil-kuntratt dwar id-drittijiet u d-dmirijiet li għandhom;

(d) kuntratti li jirrigwardaw il-proprjetà immobbli jew drittijiet relattivi;

(e) kuntratti li fihom il-prezz kollu totali mħallas mill-konsumatur ma jkunx iktar minn għoxrin lira Maltija:

Iżda meta jkun hemm kuntratt wieħed jew iktar minn wieħed li jkunu jipprovdu għal provvista kontinwa u l-valur kollu tal-kuntratt ikun jew jista' jinġieb li jaqbeż l-għoxrin lira Maltija, dan il-kuntratt jew kuntratti għandhom, minkejja l-valur ta' kull kunsinna individwali u separata, jitqiesu bħala kuntratt fejn il-prezz kollu totali li jrid jitħallas mill-konsumatur ikun jaqbeż l-għoxrin lira Maltija;

(f) kuntratti li jirrigwardaw il-bejgħ ta' dawk l-oġġetti li dwarhom il-Ministru jista' jippreskrivi;

(g) kuntratti dwar l-għoti ta' servizzi jew xogħol, ħlief kuntratti li jipprovdu għall-assigurazzjoni.

Liċenza biex wieħed jagħmilha ta' bejjiegħ itineranti.

4. (1) Ħadd ma jista' jagħmilha ta' bejjiegħ bieb b'bieb jekk ma jkollux liċenza maħruġa għal dan il-għan mid-Direttur. Din il-liċenza ma teżentax 'il min iżommha milli jkollu xi liċenza jew permess ieħor kif meħtieġ minn jew taħt xi liġi oħra.

(2) Id-Direttur ma għandux joħroġ din il-liċenza ħlief lil min —

(i) ikun ċittadin Malti;

(ii) jipproduċi ċertifikat mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija li jkun juri li hu ta' kondotta tajba; u

(iii) jkollu fond kummerċjali f'indirizz permanenti li jkun miftuħ għall-pubbliku fil-ħinijiet regulari, jew li jkun impjegat minn din il-persuna.

(3) Il-liċenza biex wieħed jagħmilha ta' bejjiegħ bieb b'bieb għandha tkun waħda personali u għandha tkun valida sa tmiem is-sena kalendarja li tinħareġ fiha, u tista' tiġġedded mid-Direttur għal perjodi oħrajn li ma jkunux ta' iktar minn sena kull wieħed minnhom.

(4) Id-Direttur jista' jimponi dak il-ħlas għall-ħruġ jew tiġdid ta' liċenza li l-Ministru jista' jippreskrivi.

Piena għal min jagħmilha ta' bejjieħ itineranti mingħajr liċenza

5. (1) Kull min jagħmilha ta' bejjieġħ bieb b'bieb mingħajr ma jkollu liċenza mid-Direttur jew li jimpjega jew b'mod ieħor imexxi l-kummerċ tiegħu permezz ta' bejjieġħ bieb b'bieb li ma jkollux liċenza maħruġa mid-Direttur ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux inqas minn mitt lira Maltija iżda mhux aktar minn ħames mitt lira Maltija, jew priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur, jew din il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull kuntratt magħmul fuq l-għadba tal-bieb li jsir ma' jew permezz ta' bejjieġħ bieb b'bieb li ma jkollux liċenza valida skond dan l-Att, ikun null:

Iżda din in-nullita ma għandhiex tiġi mressqa minn konsumatur wara għeluq il-perjodu ta' xahar minn meta il-prodott oġġett tal-kuntratt ikun ġie kunsinnat lilu, u ma għandhiex titressaq bħala eċċezzjoni mill-bejjieġħ bieb b'bieb jew min ikun qiegħed jimpjegah jew b'xi mod ieħor imexxi l-kummerċ tiegħu, f'kull żmien.

Il-bejgħ għandu jsir bi skrittura privata.

6. (1) Ebda kuntratt magħmul fuq l-għadba tal-bieb li jsir minn jew permezz ta' bejjieġħ bieb b'bieb ma għandu jkun validu ħlief meta dan isir bi skrittura privata li tkun tista' tiġi kanċellata kif provdut fl-artikolu 8 ta' dan l-Att.

(2) Kopja waħda ta' l-iskrittura privata għandha tinżamm mill-bejjieġħ bieb b'bieb u kopja oħra għandha tinżamm mill-konsumatur. Għandha titwaħħal ma' l-iskrittura privata li tinżamm mill-konsumatur formola ta' kanċellament.

Xi jkun fiha l-iskrittura privata.

7. L-iskrittura privata għandha, taħt piena ta' nullità, tinkludi —

(a) id-data meta u l-post fejn ġiet iffirmata;

(b) l-isem u l-indirizz tal-konsumatur;

(ċ) l-isem tal-bejjieġħ bieb b'bieb u n-numru tal-liċenza tiegħu;

(d) l-indirizz permanenti tal-fond kummerċjali tal-bejjieġħ bieb b'bieb jew ta' min jimpjegah;

(e) deskrizzjoni ta' l-oġġetti mibjugħa;

(f) il-prezz li għalih dawk l-oġġetti imbiegħu, u kif għandu jsir il-ħlas;

(ġ) iż-żmien iffissat għall-kunsinna ta' l-oġġetti mibjugħa, liema żmien ma għandu f'ebda każ ikun aktar tard minn sittin jum mid-data ta' l-iskrittura privata;

(ħ) klawżola li turi li l-iskrittura privata ma għandhiex tkun torbot jekk din tkun kanċellata skond ma hu indikat fl-artikolu 8 ta' dan l-Att;

(i) il-firma proprja tal-konsumatur u tal-bejjieġħ bieb b'bieb; u

(j) dawk il-kondizzjonijiet oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi sabiex jassigura li jkun hemm deskrizzjoni sew tal-ħwejjeġ u li ma ssir ebda influwenza żejda fuq il-konsumatur.

Kanċellament ta' kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb.

8. (1) Kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb ma jkunx jorbot u konklusiv jekk dan ikun kanċellat skond kif hawn iktar 'il quddiem ipprovdut.

(2) Kanċellament ta' kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb isir bil-kunsinna sew bl-idejn jew permezz ta' ittra reġistrata fl-indirizz permanenti tal-bejjiegħ bieb b'bieb jew ta' min jimpjegah ta' dik-jarazzjoni ta' kanċellament iffirmata mill-konsumatur.

(3) Id-dikjarazzjoni ta' kanċellament għandha tkun skond il-formola ta' kif murija fl-Iskeda I li tinstab ma' dan l-Att. Il-formola ta' kanċellament għandha tinhemeż mal-kopja ta' l-iskrittura privata li tinżamm mill-konsumatur, u jekk il-konsumatur jiddeċiedi li jik-kanċella kuntratt magħmul fuq għadba ta' bieb huwa għandu jiffirma din il-formola u jikkunsinnha lill-bejjiegħ bieb b'bieb jew lil min jimpjegah fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' l-iskrittura privata, jew fi żmien dak il-perjodu itwal li jista' jiġi stipulat fl-iskrittura privata.

Ħlas tal-prezz dwar kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb.

9. Ħlief għal ħlas ta' depożitu li ma jkunx jaqbeż l-għaxra fil-mija tal-prezz ta' l-oġġetti li jiffurmaw is-suġġett tal-kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb, liema depożitu ma għandux jitħallas qabel ma jiskadi ż-żmien li fih jista' jiġi kanċellat skond l-artikolu 8 ta' dan l-Att, il-bejjiegħ bieb b'bieb jew in-neguzjant li f'ismu l-bejjiegħ bieb b'bieb ikun ikkonkluda l-kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb ma għandux jitlob lill-konsumatur biex iħallas xi parti mill-prezz qabel il-kunsinna ta' l-oġġetti, u meta l-oġġetti jiġu kkunsinnati f'partijiet, ma għandu jintalab ebda ħlas ħlief dak il-ħlas li jkun jirrapreżenta il-prezz ta' dik il-parti kunsinnata.

Dritt ta' tħassir.

10. (1) Meta kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb ma jkunx ġie kanċellat skond l-artikolu 8 ta' dan l-Att, il-konsumatur ma jkollux dritt li jħassar il-kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb minghajr ma jkollu raġuni valida, ħlief jekk dan id-dritt ikun imsemmi fl-iskrittura privata.

(2) Meta dan id-dritt għat-tħassir ma jissemmiex il-kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb ma għandux ikun suġġett għal tħassir ħlief għal raġuni valida.

Klawżoli projbiti.

11. Kull klawżola fl-iskrittura privata li tkun —

(a) teħtieġ lil konsumatur li jħallas xi xorta ta' kumpens jekk huwa jwettaq id-dritt tiegħu li jikkanċella il-kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb, jew

(b) tipprovdi li xi tilwima li toħroġ minnha għandha titranġa b'xi mod ieħor milli permezz tal-qorti kompetenti f'Malta,

għandha tkun nulla.

Fuq min taqa' il-prova.

12. F'xi tilwima dwar jekk —

(a) kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb ġiex eskluživament negozjat fuq inizjattiva tal-konsumatur, jew

(b) kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb ġiex unikament negozjat bil-kitba, jew

(ċ) id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ġewx osservati fil-konklużjoni tal-kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb,

il-prova taqa' fuq in-negozjant.

Dikjarazzjonijiet foloz mill-konsumatur.

13. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi jew ta' xi liġi oħra, il-konsumatur ma jistax jitwaqqaf milli jistitwixxi azzjoni jew iġib xi difiża li jkollu taħt dan l-Att fuq il-bażi li d-data tal-konklużjoni ta' l-iskrittura privata jew tal-kanċellament tagħha hija falza jew skorretta u dan ukoll fejn din il-falsità jew skorrettezza ikunu saru minnu jew bil-għarfien u kunsens tiegħu.

Bejgħ li sar qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

14. (1) Kuntratt ta' bejgħ li jkun sar qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, li jkun kuntratt ta' bejgħ li għalih ikunu applikabbli d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ma jkunx jista' jitwettaq kontra l-konsumatur ħlief jekk tkun saret il-kunsinna attwali ta' l-oġġetti mibjugħin u l-ħlas tal-prezz tal-bejgħ, jew jekk il-konsumatur ikollu l-benefiċċju li jħallas b'rati miftehmin ikunu mill-inqas tħalsu ħamsa u għoxrin fil-mija mill-prezz tax-xiri:

Iżda f'dawn il-każijiet in-neguzjant jista' jirkupra dawk l-ispejjeż li hu seta' fil-fatt inkorra taħt il-kuntratt.

(2) Meta konsumatur ikun jixtieq li jżomm bħala wieħed effettiv kuntratt li skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' ma jitwettaqx min-neguzjant, huwa għandu fi żmien xahar mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att jikkonferma l-istess kuntratt billi jiffirma u jikkunsinna lin-neguzjant dikjarazzjoni li tkun tikkonferma l-kuntratt, u meta jsir dan, dak il-kuntratt ikun jista' jitwettaq minn parti waħda jew l-oħra.

Setgħa għall-għemil ta' regolamenti.

15. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jingħata effett aħjar lil xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak imsemmi, jista' b'regolamenti jippreskrivi:

(a) id-drittijiet li għandhom jitħallsu għal xi liċenza taħt dan l-Att;

(b) id-drittijiet li għandhom jitħallsu għal xi servizz li jista' jiġi provdut mid-Direttur taħt dan l-Att;

(ċ) il-forma li fiha xi kuntratt jew kanċellament jew xi klawżola tagħhom jistgħu jsiru, sew b'mod ġeneriku sew ukoll dwar xi kategorija ta' oġġetti;

(d) il-forma li fiha xi liċenza tkun tista' tinħareġ taħt dan l-Att;

(e) il-mezz kif jiġi identifikat bejjiegħ bieb b'bieb li jkun liċenzat taħt dan l-Att;

(f) kull ħaġa oħra li tista' tiġi preskritta taħt dan l-Att.

SKEDA I

(Artikolu 8)

Kanċellament ta' Kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb

Lil _____

(Isem u indirizz tan-Neguzjant)

Jiena niddikjara li qed nikkanċella l-kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb għax-xiri ta' _____

(deskrizzjoni ta' l-oġġetti)

bil-prezz ta' _____

li jitħallas _____

u iffirmat bejn _____

(Isem tal-bejjiegħ itineranti)

f'isem ta' _____

(Isem tal-kumpannija)

u f'ismi _____

(Isem tal-konsumatur)

fil- _____

(Data tal-kuntratt magħmul fuq l-għadba ta' bieb)

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta Nru. 439 tat-30 ta' Jannar, 1987.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati